

32007E0203

L 90/94

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

30.3.2007

AZZJONI KONĠUNTA TAL-KUNSILL 2007/203/PESK**tas-27 ta' Marzu 2007****li testendi l-mandat tal-grupp ta' l-UE biex jikkontribwixxi għall-preparazzjonijiet ta' l-istabbiliment ta' Missjoni Ċivili Internazzjonali possibbli fil-Kosovo, inkluż komponent ta' Rappreżentant Speċjali ta' l-Unjoni Ewropea****(MĊI/Grupp ta' Preparazzjoni RSUE)**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Artikolu 2

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u, b'mod partikolari l-Artikolu 14 u l-Artikolu 25(3) tiegħu,

Billi:

- (1) Fil-15 ta' Settembru 2006 l-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġunta 2006/623/PESK dwar l-istabbiliment ta' grupp ta' l-UE biex jikkontribwixxi għall-preparazzjonijiet ta' l-istabbiliment ta' missjoni ċivili internazzjonali possibbli fil-Kosovo, inkluż komponent ta' Rappreżentant Speċjali ta' l-Unjoni Ewropea (Grupp ta' Preparazzjoni MĊI/RSUE) ⁽¹⁾. Dik l-Azzjoni Konġunta tiskadi fil-31 ta' Marzu 2007.
- (2) Fis-27 ta' Frar 2007 l-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà rrakkomanda li l-mandat tal-MĊI/Grupp ta' Preparazzjoni RSUE jiġi estiż.
- (3) L-Azzjoni Konġunta 2006/623/PESK għandha tiġi estiża f'dan is-sens,

L-ammont finanzjarju ta' referenza ta' EUR 869 000 kif imniżżel fl-Artikolu 9(1) ta' l-Azzjoni Konġunta 2006/623/PESK għandu jiżdied b'EUR 807 000 biex ikopri n-nefqa relatata mal-mandat tal- tal-MĊI/Grupp ta' Preparazzjoni RSUE mill-15 ta' Settembru 2006 sal-31 ta' Lulju 2007.

Artikolu 3

Din l-Azzjoni Konġunta għandha tidħol fis-seħħ fid-data ta' l-adozzjoni tagħha.

Artikolu 4

Din l-Azzjoni Konġunta għandha tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

ADOTTA DIN L-AZZJONI KONĠUNTA:

Magħmul fi Brussell, 27 ta' Marzu 2007.

Artikolu 1

L-Azzjoni Konġunta 2006/623/PESK hija b'dan estiża sal-31 ta' Lulju 2007.

Għall-Kunsill
Il-President
P. STEINBRÜCK

⁽¹⁾ ĠU L 253, 16.9.2006, p. 29